# Il-Vara Tarxiniża tal-Lunzjata tagħlaq 175 sena

*Kitba ta' Joseph C. Camilleri*



Għall-ewwel it-Tarxiniżi kienu jużaw l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju għall-purċissjoni titulari tal-Lunzjata. Maż-żmien ħafna lokalitajiet bdew idaħħlu l-vari titulari tagħhom. Insibu li l-Gudja daħħlet vara ta' Santa Marija u sena wara daħħlet waħda Ħal Għaxaq. Ħaż-Żabbar kellu wkoll vara titulari tal-Madonna tal-Grazzja. Bormla kienet ilha bil-vara tagħha għal diversi snin u l-istess ħaġa nistgħu ngħidu għall-Isla. Għalhekk it-Tarxiniżi kienu kważi mdawrin b'lokalitajiet li kellhom il-vara titulari tagħhom. Għalhekk, kienet ħaġa minn ewl id-dinja li dawn ikollhom ix-xewqa li xi darba jkollhom huma wkoll il-vara titulari tagħhom. Mela kienet spiċċat il-pesta minn wiċċ Malta, huma bdew jaħsbu biex jordnaw vara għall-purċissjoni titulari. Iżda l-artist li forsi xtaqu kien ħalla dan il-wied tad-dmugħ. Dan kien it-Tarxiniż Mariano Gerada. Dan Gerada kien sar magħruf għall-vari tiegħu. Insemmu li l-fama tiegħu kienet daħlet f'kull dar Tarxiniża permezz tal-vara tal-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar u dik ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq.

## Issir l-ordni

It-Tarxiniżi kellhom diversi għażliet minn fejn jordnaw il-vara tagħhom. Kien hemm Mastru Salv Dimech, magħruf aktar bħala s-Sartx. Kien hemm ukoll Vincenzu Bonnici u Sigismondo Dimech, kif ukoll Vincenzo Dimech. Iżda l-fama ta' Mariano Gerada kienet qawwija fost it-Tarxiniżi. Kellhom quddiem għajnejhom tliet studenti ta' dan il-bravu Tarxiniż - Salvatore Psaila, Pietru Pawl Azzopardi u Xandru Farrugia. L-għażla tagħhom waqgħet fuq ta' l-aħħar. Għaliex? Seta' kien hemm diversi raġunijiet għal din il-għażla. Xandru Farrugia kien joqgħod iż-Żejtun, lokalità qrib ħafna ta' Ħal Tarxien. Għalhekk għat-Tarxiniżi ma kinitx problema biex imorru fil-ħanut tax-xogħol ta' Xandru Farrugia jekk jgħaddu minn wara l-Bjut u jibqgħu sejrin lejn iż-Żejtun kienu jaslu wara xi nofs siegħa mixi. Barra minn hekk, Xandru Farrugia kien artist prolifiku. Kellu t-talent li jaħdem malajr. Dr. Eugene Montanaro jgħid hekk fuq dan l-artist: X'aktarx li Alessandro Farrugia kien l-aktar skultur prolifiku tal-gżejjer tagħna matul is-seklu dsatax. Ħadem xogħol skultorju fil-ġebla Maltija, fl-injam u fil-kartapesta. Fuq kollox kien student ta' Mariano Gerada. Għalihom dan l-isem ta' dan l-artist Tarxiniż kien maġija. Għalihom is-sengħa ta' Mariano Gerada kienet għaddiet għand l-istudenti tiegħu. Għalhekk Xandru Farrugia seta' xorob is-sengħa li kien mżejjen Mariano Gerada. Ta' min isemmi li Xandru

Farrugia li ġa ħa isem bix-xogħlijiet li kien diġà għamel. Insemmu li sas-sena 1827, Xandru Farrugia kien għamel l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju (1823) għal Ħal Għaxaq u l-Kunċizzjoni għall-knisja tal-patrijiet ta' Ġieżù tal-Belt Valletta.

Skond il-kittieb E.B. Vella, il-kuntratt sar quddiem in-Nutar Giardina u ġie ippubblikat fis-sena 1827. Din id-data taqbel sewwa mas-sena li hemm fil-bażi minn taħt fil-figura ta' l-anġlu tal-vara. Iżda kien qal sewwa Dr Eugene f'Montanaro li l-kuntratt għadu ma nstabx. Jista' jkun li l-vara tal-Lunzjata kienet rigal lill-parroċċa ta' Ħal Tarxien u għalhekk bejn l-artist u l-persuna li ħarġet il-flus ma kienx sar kuntratt? Ta' min jgħid li l-vara ta' Santa Marija tal-Gudja u dik ta' Ħal Għaxaq tħallsu minn persuni u wara spiċċaw fil-knejjes parrokkjali tagħhom bħala vari titulari. Tgħid il-vara ta' Ħal Tarxien kienet ukoll riġal, u għalhekk ma kienx sar kuntratt. Iżda E.B. Vella qal li l-kuntratt sar quddiem in-Nutar Giardina waqt li Dr. Montanaro sab li dan Giardina kien għandu ma leħaqx fis-sena 1927 u beda jaħdem ta' nutar fis-sena 1831. Tgħid li dan Giardina kien jaħdem ma' xi nutar u kien jagħmel il-kuntratti u maż-żmien mar l-Università biex issir nutar? Jekk dan hu minnu dan il-kuntratt kien jidher xi imkien.

It-tradizzjoni tgħid li Xandru Farrugia għamel abbozz tal-vara u poġġa l-figura tal-Madonna fuq ix-xellug u dik ta' l-anġlu tpoġġiet fuq il-lemin bħall-inkwadru titulari ta' Ħal Tarxien. Din ma kinitx għal gosti tat-Tarxiniżi u għalhekk kellu jerġa' jagħmel l-abbozz mill-ġdid. Milli jidher għamel ukoll wiċċ il-Madonna. Illum dan il-wiċċ jinsab fil-Mużew tal-Parroċċa taż-Żejtun. Dan il-wiċċ ġie mogħti mill-eredi lill-knisja parrokkjali taż-Żejtun. Miegħu taw ukoll wiċċ Kristu ta' l-istatwa tal-Marbut (taż-Żejtun). Xandru Farrugia kien ħadem din l-istatwa wkoll. Il-vara kienu ġabuha l-Ħadd, qabel il-25 ta' Marzu tas-sena 1829.

### Il-Vara

Il-vara ta' Xandru Farrugia fiha żewġ figuri. Mhux dejjem il-Lunzjata ssir b'żewġ figuri. Jeżistu vari jew statwi tal-Lunzjata bil-figura tal-Madonna biss. Il-Franċiżi kellhom din id-drawwa. Il-Madonna tinsab għarkubtejha titlob. Rasha tinsab tħares 'l isfel. Idejha jinsabu fuq sidirha bħala mossa ta' umiltà u aċċettazzjoni għar-rieda t'Alla. Jekk wieħed jieħu id l-anġlu u rasu u ras il-Madonna u idejha, wieħed isib li jista' jagħmel ċirku. Jekk l-Madonna tinsab f'mossa ta' umilazzjoni, l-anġlu qiegħed f'mossa li jrid ikun ċert għal dak li ser tgħidlu l-Madonna. Wiċċu jinsab f'wiċċ il-Madonna.

Il-vara fiha l-elementi kollha li kellu Xandru Farrugia. Is-sħaba hija kollha nokkli. Kull sħaba ta' Xandru Farrugia fiha s-sħab u kull sħab fihom in-nokkli. Barra minn hekk, il-Lunzjata fiha figura Marjana li qiegħda għarkubtejha. Xandru Farrugia kien jagħmel minn kollox biex il-figuri jkunu bil-qiegħda jew għarkubtejhom. Anke l-vara tal-Madonna tar-Rużarju tal-Għargħur tinsab bil-qiegħda. Din turi kemm Xandru Farrugia kien ta' ħila billi l-ħwejjeġ tal-figura





jkollhom juru l-pożizzjoni tal-figura taħt l-ilbies. Din tagħmel ix-xogħol ta' l-iskultur aktar diffiċli.

### Il-figura ta' l-Anġlu

Kemm għajdut fost il-poplu li l-figura ta' l-anġlu ma kinitx dik oriġinali. Għall-ewwel Xandru Farrugia kien għamel il-figura ta' l-anġlu li għandu l-istatwa ta' l-Ort taż-Żejtun. Hi figura ta' anġlu xi ftit żgħira għall-figura tal-Madonna. Wara, din il-figura sabet ruħha fl-istatwa ta' l-Ort taż-Żejtun flimkien mal-figura ta' Kristu ta' aktarx l-ewwel statwa ta' l-Ort li kellhom iż-Żejtun. Hemm wkoll għajdut li l-figura ta' l-anġlu kienet miksija bil-kartapesta għaliex il-figura ta' l-anġlu kienet kważi bla ħwejjeġ u l-poplu ried bħall-figura tal-pittura titulari li hemm fuq l-altar tal-kor.

### Il-"ħwejjeġ" ta' mal-Vara

Fis-sena 1885 il-vara ġiet rinnovata minn Mastru Pawl Bugeja. Kien aktarx Ġużè Calì li mexxa dan ix-xogħol. Iżda f'dik is-sena ma sarx ix-xogħol kollu li ried Calì. Dan ried li bejn il-figuri jkun hemm raġġiera bil-ħamiema. Din kienet ser tqum ħafna għat-Tarxiniżi u bil-flus li kienu diġà miġbura għamlu l-pedestall u l-bradella ġodda. Fis-snin sittinijiet għamlu attentat biex jagħmlu r-raġġiera. Wieħed minn Ħal Tarxien, Schembri (ta' Oreste) kien għamel ir-raġġiera ta' l-injam u poġġewha fin-niċċa bejn iż-żewġ figuri. Kien hemm ħafna kummenti favur u kontra. Iżda Ħal Tarxien kien qed jonfoq il-flus fuq it-tkabbir tal-Knisja taċ-ċimiterju (ta' l-Erwieħ). Għalhekk il-proġett tar-raġġiera kellu mill-ġdid imur fuq l-ixkaffa. Fl-aħħar tas-seklu 20, l-aħwa Bonnici Calì - Manwel u Lorenza ħallew somma ta' flus biex din ir-raġġiera ssir. Ħuhom Rafel kien appella fuq il-gazzetta "Leħen is-Sewwa" iżda xorta waħda ma kien sar xejn. Billi l-prezz tal-fidda dejjem ogħla, din ir-raġġiera kienet ser tibqa' biss ħolma. Ta' min jgħid ukoll li fl-aħħar kwart tas-seklu għoxrin, il-vara tnaddfet minn Horace ta' l-Imdina u fl-2003, il-pedestall saritlu restorazzjoni fuqu minn John Orlando u Renzo Gauci. Fis-sena 2004 il-vara ġiet restawrata mill-istess persuni. Il-pedestall sar fuq disinn tal-perit Mikiel Busuttil, li kien ħabib tal-qalb tal-kappillan ta' dawn iż-żminijiet. L-istil ta' dan il-pedestall hu wieħed uniku, xogħol moħħ il-perit Busuttil. Il-bċejjeċ impittra huma xogħol Ġużeppi Calì. Il-bradella saret fuq disinn ta' Ġużeppi Decelis u aktarx għamilha Francesco Faurè minn Ħal Tarxien. Biex jagħmlu l-bradella aktar eleganti kienu żieduha b'bastun iswed. Il-bukketti tal-ganutell saru l-Qrendi minn wieħed kunjomu Scicluna. Għall-ewwel in-niċċa tagħha kienet dik li hemm illum għall-istatwa tad-Duluri, int u dieħel fil-knisja fuq in-naħa tat-Triq tas-Suq. Wara saret niċċa oħra fil-korsija minn Mikelanġ Mangion u mżejna minn Francesco Zammit.

### L-Importanza tal-Vara

Din hija x-xogħol ewlieni ta' dan l-artist li kien oriġinali għall-aħħar. Kull vara ewlenija li kien għamel kienet ispirata minn xi vara oħra. Il-vara ta' Santa

Marija ta' l-Imqabba saret fuq dik ta' Ħal Għaxaq li hija xogħol Mariano Gerada waqt dik ta' San Pawl ta' Ħal Safi saret fuq dik tal-Belt Valletta, xogħol Melchiore Gafà. Wieħed ma jistax jgħid li Xandru Farruġia ma kellux immaginazzjoni għaliex ħafna mill-istatwi u vari tiegħu fihom dik l-element uniku iżda kienet id-drawwa ta' dawk iż-żminijiet li wieħed kien jordna vara bbażata fuq vara oħra ta' l-istess qaddis.

Il-vara tal-Lunzjata hija ferm importanti għall-ħajja ta' l-artist Xandru Farrugia. Qabilha kien għamel biss il-vara tal-Madonna tar-Rużarju tal-Għargħur (1832) u dik tal-Kunċizzjoni tal-Belt Valletta. Wara l-vara tal-Lunzjata bdew ġejjin l-ordnijiet sew tal-vari titulari u sew għall-vara tal-fratellanzi u tal-passjoni. Anke Għawdex ħassha din il-fama tant li nsibu li kien hemm ordnijiet għal din il-gżira wkoll - Il-Madonna tar-Rużarju tax-Xagħra u l-figura ta' Ġesù mejjet għall-monument tal-Bażilika ta' San Ġorġ. L-istatwa ta' San Mikiel li tinsab fl-istess knisja Ġorġjana kienet għall-knisja ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi u wara inkwiet li kien qam fil-fratellanza ta' San Mikiel sabet ruħha fil-Bażilika ta' San Ġorġ tar-Rabat.

Il-valur wieħed jaraħ billi meta saret l-ordni fuq il-vara tal-Lunzjata għall-kappella tal-Lunzjata ta' Wied il-Lunzjata f'Għawdex, il-vara tal-Lunzjata ta' Ħal Tarxien serviet bħala mudell għal din l-ordni.

---


*Referenzi:*

*Dr Eugene F Montanaro, Alessandro Farrugia, l-iskultur tal-vara tal-Lunzjata ta' Ħal Tarxien, Tarxien, Marzu-April-Mejju 1991 Għadd 95.*

*Guido Lanfranco, l-istatwi titulari u l-istatwarji tagħhom, KKM 1999.*

*Achille Ferris, Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo, Malta 1866.*

*Walter R Zahra, fiż-Żejtun, f'Il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex, PIN 1992.*

*Mario Buhagiar (ed), St Catherine of Alexandria - her churches, paintings and statues in the Maltese Islands, Malta 1979.*

*E.B. Vella, Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid, Malta 1932.*

*Joseph F. Grima (ed), Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Ħal Qormi - Erba' sekli ta' storja, Malta 1984.*



**Privat għat-tfal tal-Primarja**

*Privat għad-dħul fil-Junior Lyceum*
*Privat għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja*
*Privat għat-tfal tas-sekondarja (Matemetika u Ingliż)*

**F'Ħal Tarxien - Tel: 21 436090 - Mob: 7931 7436**

*Kull nhar tat-Tlieta u l-Ħamis*
*Fis-Sajf fil-għodu - Fix-Xitwa wara l-iskola*